**Minuti tal-Erbghin (40) laqgħa**
**tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**it-Tlieta 3 ta' Frar 2015 fl-5:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| Joseph Azzopardi | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| *Skuzata: Danica Cassar* | *Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ* |

Is-Sindku Charles Said innota li hu ħass li kellu jsejjah laqgha urgenti dwar din l-applikazzjoni PA/00202/15 li jinkludi bini ta' ħajt f'post fejn illum hemm belvedre fi Triq l-Isqof Cocco Palmieri. Hu talab li l-Kunsill joġġezzjona fuq din l-applikazzjoni permezz tal-perit tiegħu. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u Dr. Rita Mifsud qablu mal-posizzjoni tal-Kunsill

Dr. Josianne Cutajar staqsiet jekk hemmx xi ħadd f'isem l-applikant. Hi nnotat li qabel noġġezzjonaw, tajjeb li kieku nsejhu lill-applikant sabiex naraw il-veduta tiegħu. Hi kompliet li mhux ser tivvota la favur u lanqas kontra din l-oġġezzjoni. Marija Natoli qablet mal-posizzjoni ta' Dr. Cutajar. Is-Sindku sostna li dan hu punt ta' prinċipju u rridu niddeċiedu malajr għaliex marbutin biz-zmien. Hu kompla li Dr. Cutajar setghet ikkuntattjat hi lill-applikant qabel il-laqgħa u li kieku kien preżenti żgur li konna nagħtih permess jesprimi l-opinjoni tiegħu.

Il-Kunsill ta permess lil xi residenti li jitkellmu dwar din l-applikazzjoni.

Ittiehed il-vot li kien ta' tlieta favur u zewġ astensjonijiet.

Il-laqgħa spiċċat fis-6 p.m.

**Charles Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**